MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Numru 476/1996

Il-Pulizija
(spettur Carmel Bartolo)
vs
Paul Azzopardi
ID No 827346M

Illum 4 ta' Ottubru 2004

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba konta l-akkuzat u dan talli fl-4 ta' Gunju 1996, u matul il-jiem ta' qabel, f' "Paparukei Catering Ltd." li jinstab sitwat gewwa 116, Stuart Street, il-Gzira, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq diversi persuni u cioe' Frank Camilleri mill-Msida, Rita Buttigieg

mill-Gzira, Carmen Cocks minn tas-Sliema, Christopher Filletti mill-Gzira, Jospehine Vella miz-Zurrieq, Saviour Vella miz-Zurrieq u Mark Vella miz-Zurrieq skond ma ccertifikaw Dr. Anthony Felice MD, Dr. G. Baldacchino MD, Dr. N. Camilleri MD, Dr. Mark Bugeja MD, u Dr. Victor Camilleri MD;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ zmien, lok, u cirkostanzi, zamm lokal li fih isir negozju ta’ ikel f’kundizzjoni mhux sanitarja u f’kundizzjoni li l-ikel ikun jew jista jigi espost ghar-riskju ta’ kontaminazzjoni;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ zmien, lok, u cirkostanzi, ipprepara, ippakkja, zamm u hazen ghall-bejgh ghall-konsum mill-bniedem hwejjeg tal-ikel taht kundizzjonijiet mhux sanitarji;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ zmien, lok, u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu ghall-konsum mill-bniedem hwejjeg tal-ikel li kienu jew li kienu saru ta’ hsara ghas-sahha u mhux tajbin ghall-konsum mill-bniedem;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, naqas li jzomm il-kamra tal-ikel hielsa mid-dbieben;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, naqas milli jzomm fuq jew hdejn il-fliskatur li huwa sitwat fil-post li kellu konvenjenza sanitarja, sapun jew detergent iehor xieraq, xkupilji tad-dwiefer, xugamani jew facilitatjiet ohra ghall-ixxuttar;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ zmien, lok, u cirkostanzi, naqas li jzomm fuq jew hdejn il-friskatur li huwa sitwat fil-kamra tal-ikel provvista xierqa ta’ sapun jew detergent iehor xieraq, xkupilji tad-dwiefer u xugamani nodfa jew facilitajiet ohra ghall-ixxuttar li ghandhom jintuzaw biss biex tigi zgurata l-indafa personali tal-persuni li jkunu jahdmu fil-manigg ta’ l-ikel;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ zmien, lok, u cirkostanzi naqas li jipprovdi numru sufficjenti ta’ recipjenti mghottija kif imiss ghall-iskart ta’ fdal, zibel jew rimi;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok, u cirkostanzi naqas li jipprovdi u jzomm f'kull kamra tal-ikel mezzi xierqa u sufficjenti ta' ventilazzjoni, u naqas li jzomm l-istess kamra ventilata b'mod xieraq u sufficjenti;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok, u cirkostanzi naqas li jiehu dawk il-mizuri li huma mehtiega biex ihares l-ikel minn kull riskju ta' kontaminazzjoni;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok, u cirkostanzi, biegh, offra ghall-bejgh jew kellu fil-pussess tieghu oggetti tal-ikel (hmistax il-landa b'2.7 Kg peaches halves in syrup tal-marka "Royal Star"), li ma kellhomx dikjarat fuqhom it-tikketta tad-data tal-inqas durabilita.

Rat it-talba sabiex minbarra li taghti l-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna s-sospensjoni tal-licenzja ghall-perjodu ta' bejn xahar u sitt xhur, u tordna il-konfiska ta' l-oggetti esebiti, u l-esekuzjoni tal-Ligi taht penali li l-istess Qorti jidhrilha xieraq fin-nuqqas.

Rat it-talba tad-Dipartiment tas-Sahha in konnessjoni mal-akkuzi in ezami
(fol 7 tal-atti).

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li ma hux hati ta' l-istess akkuzi (fol 10 ibid).

Rat id-digriet taghha moghti fl-ewwel (1) ta' Lulju 1996 (fol 28 sa fol 32 ibid).

Semghet x-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzat jiddikjara dak verbalizzat a fol 270 ibid.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi hawnhekk ikun opportun li jigu sintetizzati l-fatti in ezami u dan in konnessjoni mal-akkuzi premessi.

Illi, fil-qasir u mill-provi prodotti dawn huma s-segwenti:

a) Fis-6 ta’ Gunju 1996, il-Pulizija kienet giet infurmata permezz ta’ telefonata tad-Dipartiment tas-Sahha illi dan id-Dipartiment xtaq li jressaq quddiem il-Qorti kompetenti l-akkuzat odjern u dan in konnessjoni mal-istess akkuzi. Difatti saret l-allegazzjoni ta’ avvelenament minn ikel prodott minn stabbiliment kummercjali mmexxi mill-akkuzat. Wara li kienu saru diversi rapporti maghmulin minn numru ta’ tobba, permezz ta’ certifikati medici migjuba a konjizzjoni tal-istess Dipartiment kien jidher li l-persuni kollha imsemmijin fl-ewwel akkuza kienu kkunsmaw ikel waqt ricevimenti, liema ikel kien gie provdut mid-ditta “Paparukei Catering Limited”. Ghalhekk l-istess Dipartiment kien ghamel diversi spezzjonijiet fl-istess stabbiliment minn fejn kien gie elevat ikel bid-data skaduta u iehor aktarx kontaminat batterjologikament oltre li gew notati mankanzi kontra r-regolamenti tas-sahha. Bhala konsegwenza ta’ dan, l-istabbiliment kien gie maghluq “in parte” ghal certu perjodu fuq inizjattiva tal-imsemmi Dipartiment u dan mis-6 ta’ Gunju 1996. Fil-fatt kienu gew maghluqin il-kcina u d-dolcerija sakemm gie stabbilit li s-sitwazzjoni kienet konformi mal-ligi sanitarja u ghalhekk kemm il-kcina u kemm id-dolcerija wara li tnehhew il-mankanzi fihom, setghu jiffunzjonaw b’mod normali. (Dwar il-premess ara x-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur a fol 35 et seq ibid kif ukoll il-vera kopja ta’ licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija vis-a-vis l-istess stabbiliment u li tinsab a fol 60 tal-atti).

b. In sostenn tal-premess, il-Prosekuzzjoni pproduciet diversi provi kemm
orali kemm permezz ta’ dokumenti kif ser jinghad:

(i) <u>Joseph Cilia,</u> ikkonferma li mill-4 sas-6 ta’ Gunju 1996, kienu migjuba a konjizzjoni tad-Dipartiment tas-Sahha, diversi certifikati medici, kif diga ssemmew u wara li saru l-investigazzjonijiet relattivi ghall-istess certifikati, kien jidher li involuti kien hemm diversi nies li b’xi mod,

ippartecipaw f'ricevimenti tal-Grizma u li batew minn avvelenament minn ikel, kollu kemm hu prodott mill-akkuzat. Ghalhekk kien gie inkarigat l-Ispettur Sanitarju stazzjonat f'Tas-Sliema cioe Grezzju Agius sabiex flimkien ma' persuni ohrajn jiehdu kampjuni tal-ikel involut u li kien ghad fadal, oltre kampjuni minghand nies li kienu organizzaw jew ippartecipaw fl-istess ricevimenti u mill-analizijiet kien gie identifikat l-agent ta' kontaminazzjoni ossia l-mikrobu "Salmonella" prezenti kemm fil-kampjuni li ttiehdu mill-istabbiliment gestit mill-akkuzat kemm fl-"stool cultures" mehudin mill-pazjenti.  In vista li l-istess Dipartiment kien sab irregolaritajiet mill-lat sanitarju fl-istess hanut, b'riskju ta' aktar kontaminazzjoni, kien gie deciz illi l-istabbiliment  in kwistjoni jigi maghluq, bl-ghajnuna tal-Pulizija. Dwar dan, ix-xhud kien spjega lill-akkuzat, li fil-post in kwistjoni, seta jigi prodott ikel bil-kundizzjoni li dan jinhadem "taht kundizzjonijiet sanitarji" billi jittiehdu l-mizuri necessarji mill-istess akkuzat sabiex fl-istess post kollox ikun skond il-ligi sanitarja u jitnehhew id-difetti li kien hemm taht l-istess ligi. Ix-xhud semma li l-akkuzat ma kienx ikkonforma ruhu mal-imsemmija ordni u, almenu ghal certu perjodu l-akkuzat kien kompla jipproduci ikel.

(ii) <u>It-tabib Dennis Falzon</u> (fol 63 et seq ibid) u li fiz-zmien in kwistjoni kien id-Direttur tas-Sahha Publika, ikkonferma dak li qal ix-xhud precedenti waqt li spjega ulterjorment illi l-kazijiet ta' avvelenament minn ikel kien jirreferi ghal madwar hmistax il-riceviment li kienu saru il-Hadd 2 ta' Lulju 1996 bl-ikel kollu pprovdut mill-akkuzat. Involuti u prezenti fl-istess ricevimenti kien hemm madwar mitejn persuna u hawnhekk, ix-xhud esebixxa <u>sitt certifikati ossia "notifiki"</u> maghmulin minn tobba u li kienu jirreferu  ghal <u>Rita Buttigieg, Christopher Filletti u l-familja, Carmel Cocks, Francis  ossia Frank Camilleri, Saviour Vella, Mark Vella u Josephine Vella</u>. In rigward il-kawza tal-mard infettiv involut mill-analizajiet, kien gie stabbilit li din kienet <u>Salmonellosi</u> li, generalment, tirrizulta minn tigieg jew prodotti minn tigieg oltre minn "cross contamination" rizultanti minn nuqqas ta' prekawzjonijiet in rigward igjene jew "temperaturi hziena", waqt l-immaniggjar ta' ikel. In rigward il-kaz specifiku in dezamina, f'ikel elevat mill-

istabbiliment, kien irrizulta li f'"red caviar on toast" kien hemm evidenza ta' Salmonella waqt li f'iehor ossia "stuffed artichoke hearts", instabet evidenza ta' mikrobu iehor ossia "Cloriform Klebsiella" li rrendieh mhux tajjeb ghal konsum uman. Dwar dan ghandu jigi sottomess li oltre f'ikel elevat u f'persuni li kienu kkonsmaw ikel manifatturat fl-istess stabbiliment u li huma elenkati fl-istess xhieda, instab li tlett persuni msemmija fl-istess xhieda u li jahdmu fl-istess stabbiliment gestit mill-akkuzat kienu kontaminati wkoll, minn "Salmonella Lagos". Ix-xhud kompla biex jghid illi fl-istess post kien hemm "deficjenzi mill-lat igeniku" rizultanti minn environmental swabs li ttiehdu sabiex jigi determinat il-livell ta' igene go fih. Fl-ahharnett ix-xhud semma' illi fl-14 ta' Gunju 1996, il-post in kwistjoni gie "rilaxxat" fis sens illi fih, in vista li l-akkuzat kien ikkonforma ruhu mar-regolamenti sanitarji, seta' jigi manifatturat ikel skond l-istess regolamenti pero certu impjegati baqghu sospizi ghall-iskop ta' accertament ulterjuri (dwar dak premess ara d-dokumenti a fol 74 sa fol 76 tal-atti). Pero, ma jistax ma jissemmiex illi minn "swabs" li ttiehdu minn fuq l-istess akkuzat u l-impjegati tieghu, jidher mir-rizultanzi li kien hemm "livell (relattivament) gholi" u "livell aktar gholi" ta' ammont tal-organizmi in kwistjoni.

(iii) It-tabib Godfrey Baldacchino (fol 77 et seq ibid) wiehed mit-tobba li ezaminaw pazjenti nvoluti f'dan il-kaz ikkonferma li hu kien ezamina lil Rita Buttigieg, imsemmija fl-akkuzi in ezami, fl-Isptar Sir Paul Boffa fil-Furjana u mill-analizijiet li saru kien jidher li din kienet qed tbati minn mard infettiv kagunat minn "Salmonella Berta" u dana wara li "……marret xi riceviment ta' xi precett. L-istess xhud semma li din kellha "gastro-enteritis" aktarx avvelenament minn ikel "……..fejn fl-ikel ikun hemm veleni prodotti mill-mikrobi".

(iv) Miriam Grech (fol 88 et seq ibid) kienet giet inkarigata sabiex tispezzjona l-istabbiliment in kwistjoni, flimkien ma' Spettur Sanitarju iehor Grazio Agius minhabba "……….. kazijiet suspettuzi ta' avvelinament minn ikel". Mill-post ittiehdu, f'diversi dati, kampjuni ta' ikel u ilma kif specifikati fl-istess xhieda. In oltre kienu

ttiehdu "swabs" mill-"food handlers" kollha u minn fuq l-oggetti kollha msemmijin fl-istess xhieda. Wara li sar dan, dak kollu elevat kien gie analizzat fil-laboratorju tal-istess Dipartiment wara li kien ittiehed fl-ufficju fejn kienet tahdem ix-xhud u fil-laboratorju msemmi, mill-messaggier. Dwar dawn l-analizijiet, ix-xhud esebit ir-rizultanzi kollha li jinsabu a fol 100 tal-atti. Ix-xhud kompliet tixhed dwar l-istat hazin ta' igene li hi osservat fl-istabbiliment in kwistjoni, fosthom l-art li ma kienetx nadifa sufficjentement, hmieg fil-"grooves" li jgongu it-"table tops" kif ukoll fuq il-"cooking range". In oltre fil-"fridge" kien hemm mahzunin, flimkien, oggetti tal-ikel nejjin u msajrin u nnotat li fil-post, it-temperatura tieghu ma kienetx normali anzi, " .. Fil-post kien hemm shana". Dawn u osservazzjonijiet ohra ndikati mill-istess xhud, fil-post in kwistjoni kien juri li fl-istabbiliment in kwistjoni kien hemm riskju gholi ta' kontaminazzjoni ta' ikel. Waqt il-kontro ezami ix-xhud semmiet li ma kienetx tat kampjuni ta' dak elevat lill-akkuzat. In oltre l-istess kampjuni kienu gew sigillati fil-prezenza ta' dan sabiex jittiehdu ghall-analizijiet relattivi. Ta' min jinnota li skond dejjem l-istess xhud, l-akkuzat stess kien talab li jittiehdu kampjuni ta' "shrimps" u "mussels" peress li hu stess kellu suspett li dawn setghu kienu kontaminati. Fl-ahharnett ix-xhud rat li fil-10 ta' Gunju 1996, il-post in kwistjoni kien tnaddaf, u "………. Kien regolari u skond il-ligi" hlief ghal xi nuqqas li kien jidher li hu insinifikanti.

(iv) David Aquilina (fol 104 et seq ibid) Stazzjonat fis-sezzjoni tal-ikel bhala "Medical Lab. Technician" fl-istess Dipartiment spjega illi in konnessjoni ma' dan il-kaz, kien ippartecipa fl-analizijiet ta' ikel u "swabs" mehudin mill-istabbiliment in kwistjoni flimkien ma' Neil Stokes li kien miet. Ix-xhud specifika, in konnessjoni mar-rapporti annessi a fol 76 tal-atti, li dawn huma "micro biological chemical reports", u li x-xoghol ta' analizi kien sar minnu u mill-imsemmi Neil Stokes li da parti tieghu kien rrediga u kiteb l-istess rapporti. Dwar dak indikat f'dawn ir-rapporti, ix-xhud seta' jghid li mill-analizijiet li saru "…..kien hemm xi ikel li kien hareg nadif". Pero nstab ukoll ikel li kien kontaminat b' Salmonella u "E Coli" u kif ukoll livell gholi ta' "Staff Aureus" ossia batteri li jikkagunaw disturbi fl-

istonku ta' min jikkonsma dan l-ikel, hekk kontaminat (ara fol 107 u 108). In oltre kienet instabet ukoll, "Klebsiella." deskritt bhala "……….. fattur normali u komuni", izda li seta jikkawza inkonvenjenti jekk prezenti f'livelli gholjin u li dan jindika nuqqas ta' igene. In rigward is-"swabs" u kampjuni ta' ikel, dawn kienu gew ezaminati u analizzati "… mill-ewwel kif dahlu waqt li dawn kienu ngiebu fil-laboratorju u dan f'diversi dati li jmorru mill-4 ta' Gunju 1996 sal-14 ta' Gunju 1996. Fl-ahharnet ix-xhud specifika illi r-rizultanzi li kiteb Neil Stokes fuq ir-rapport a fol 76, jirriflettu l-analizijiet li kienu saru.

(v) L-Ispettur Sanitarju Grazio Agius (fol 111 et seq ibid) spjega kif kien ippartecipa f'diversi spezzjonijiet li saru dejjem fl-istess stabbiliment, liema xhieda ghandha tigi konsiderata bhala konferma ta' dak li ntqal precedentament minn Miriam Grech (ara infra) in rigward in nuqqasijiet, fl-istess post, mill-lat igjeniku-sanitarju, liema lmenti ossia nuqqasijiet kienu tnehhew sal-10 ta' Gunju 1996. Dan semma ukoll li wara ordni li kien inghata "ad hoc" hu kien ordna li l-istabbiliment jinghalaq, liema ordni, pero ma gietx osservata mill-akkuzat li fil-bidu kompla jipproduci ikel u dan sakemm akkumpanjat mill-Pulizija, l-akkuzat kien effettivament ghalqu. In oltre l-istess xhud spjega kif kien involut fl-elevazzjoni ta' kampjuni kif jidher a fol 115 ibid.

(vi) L-istess jista' jinghad in rigward ix-xhieda tal-Ispettur Sanitarju Horace Micallef (fol 123 et seq ibid), li spjega l-involviment tieghu fil-kazijiet ta' avvelenament minn ikel rizultanti minn stabbiliment wiehed cioe dak gestit mill-akkuzat (ara ukoll dak li xehdet l-Ispettur Sanitarju Helen Calleja a fol 190.

(vii) Hawnhekk, gew prodotti diversi xhieda u persuni ohra dwar il-kazijiet specifici ta' avvelenament minn ikel. Dawn huma:

a) It-tabib Dr. Mark Bugeja (fol 128 et seq ibid) dwar il-kaz tal-familja Filletti u hbieb ta' din il-familja. Dan kien ezamina lil Christopher Filletti, li flimkien ma' ohrajn, kien iffrekwenta riceviment partikolari u bhala konsegwenza

kienu hadu avvelenament minn ikel. Dan ir-riceviment kien sar fit-3 ta' Gunju 1996.

b) L-istess Christopher Filletti (fol 146 et seq ibid) ikkonferma dak li xehed l-imsemmi tabib kif ghamel missier dan ix-xhud Francis sive Frank Filletti (fol 148 et seq ibid).

c) PC 770 Saviour Vella kien attenda riceviment ta' precett gewwa sala fis-Siggiewi u wara li ddeskriva l-mod kif kien qed jigi servut l-ikel fl-istess riceviment, semma' x'kienu l-konsegwenzi ta' dan l-ikel kemm fuqu u kemm fuq il-familjari tieghu, bit-tifel, Mark ikun l-aktar gravi (ara fol 138 ibid) kif ukoll ix-xhieda ta' mart ix-xhud, Josephine, a fol 139 et seq ibid u dik tat-Tabib Victor Camilleri (a fol 218 et seq ibid).

d) It-tabib Dottor Anthony Felice (fol 143 et seq ibid) irrefera ghal kaz ta' Francis ossia Frank Camilleri u ta' familjari ta' dan deskritt minnu bhala "……zgur li kien kaz ta' "food poisoning" li ma kienx gravi" u "…….dam madwar erbat ijiem sabiex jigi kkurat.

e) L-imsemmi Frank Camilleri (fol 158 et seq ibid) specifika li meta kien organizza r-riceviment tal-Precett ta' ibnu, kien ordna l-ikel minghand l-akkuzat. L-ghada tal-istess riceviment, hu kien hassu "mhux f'siktu" u kien gab lit-tabib gja imsemmi Anthony Felice. Fost is-sintomi ta' dan, kien hemm deni qawwi u beda' jigi lura f'siktu wara li ghaddew hamest'ijiem b'dieta stretta ghall-istess perjodu. In oltre x-xhud semma li hu ma kienx l-uniku wiehed li hassu hazin minn fost in-nies, anzi familjari, li attendew ghall-istess riceviment (ara ukoll ix-xhieda ta' Joseph Camilleri a fol 175 et seq).

f) Rita Buttigieg (fol 156 et seq ibid) semmiet li hi ukoll kienet "……… ihossni hazin" wara li, waqt riceviment, kienet kielet "gallettina b'xi haga fuqha bil-mayonaise". Minhabba hekk hi kienet ittiehdet ghall-kura medika fl-Isptarijiet ta' San Luqa u ta' Sir Paul Boffa, fejn kienet damet taht il-kura ta' tabib, aktarx Baldacchino.

g) Joseph Caruana (fol 164 et seq ibid). Dan ukoll, ordna ikel ghall-istess skop minghand l-akkuzat, u l-ghada kemm hu u kemm persuni ohra li attendew ghar-riceviment kienu zviluppaw "dijareha qawwija" jew, bhal fil-kaz ta' martu "ugiegh kbir fl-istonku". Minhabba hekk hu kien ukoll gab lit-tabib Felice, presumibbilment l-istess xhud hawn fuq imsemmi, (ara wkoll ix-xhieda ta' martu Josephine Caruana a fol 168 et seq ibid).

h) Gew prodotti diversi xhieda ohra fosthom Joseph Izzo (fol 179 et seq ibid), Marion Betts (fol 181 et seq ibid) u Carmen Cocks (fol 210 et seq ibid) li taw ukoll deskrizzjoni ta' sintomi ta' "avvelenament minn ikel wara li kienu kkonsmaw ikel fl-imsemmija ricevimenti u prodotti mill-akkuzat fl-istess stabbiliment.

i) Kaz li johrog minn norma kien dak ta' Dorienne Xuereb (fol 171, 208 u fol 245 et seq ibid). Din, wara li wkoll attendiet flimkien mal-familja taghha ghal wiehed mir-ricevimenti, kien hassa hazin, skond kif deskritt fix-xhieda taghha u t-tabib taghha Dr. Alec Lapira kien iddjanjosa avvelenament minn ikel. Jigi rilevant li f'dan il-kaz jidher li s-sintomi ta' dan l-avvelenament kienu aktar gravi u serji mill-kazijiet l-ohrajn. Difatti, hi kienet iddahhlet fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-Isptar San Luqa u fis-sala tan-newrologija minhabba suspett ta' meningite kawzata mill-mikrobi relattivi. In rigward l-istess kaz, jidher li l-effetti ta' dak l-avvelenament baqghu jinhassu ghal perjodu pjuttost twil. Pero f'dan il-kaz, jigi relevat illi t-Tabib Dottor Anthony Galea Debono (fol 243 u fol 244 ibid) semma li f'dan il-kaz ma kienx hemm "sintomi gastrici" izda gie trattat bhala wiehed li seta' kien hemm kaz ta' meningite (ara ukoll fol 249 ibid taht "diagnosis)". L-istess Dottor Alec Lapira imsemmi, semma li dan il-kaz seta' kien kawza ta' "virus" u "….li kien hemm dubbju dwar x'kienet il-kawza ta' dan kollu, ossia jekk kienetx "food poisoning".

(viii) . Mill-provi prodotti jidher li, fil-fatt gew elevati wkoll kampjuni ta' ikel, deskritti bhala "left overs", minn diversi persuni. Dwar dan xehdet Elvie Debono (fol 193 et seq ibid) li elevat ikel, rimanenti minn riceviment minghand il-familja Mamo, u rrizulta li "Vol au Vents' u

"cheese pate bread" kienu kontaminati minn "Klebsiella" u mhux idonei ghall-konsum mill-bniedem. L-istess familja kienet ukoll tatha d-dokument a fol 198 tal-atti, ossia l-ordni li saret lill-akkuzat in rigward l-ikel kif hemm elenkat (ara ukoll ix-xhieda ta' John Scerri a fol 205 et seq ibid). L-istess kien ghamel Clive Muscat (fol 201 et seq ibid) li eleva "left overs" minghand il-familja Camilleri. Fl-istess oggetti kollha elevati instabet evidenza ta' ikel kontaminat minn "Klebsiella" u "Salmonella" kif deskritti dettaljatament fl-istess xhieda.

Ikkunsidrat

Illi wara li gew sintetizzati l-provi principali prodotti mill-Prosekuzzjoni u l-kazijiet involuti f'dan il-kaz kif riassunti fix-xhieda tat-Tabiba Charmaine Gauci (fol 260 sa fol 263 tal-atti) ser issir referenza ghall-akkuzi kif migjuba kontra l-akkuzat. Dawn l-akkuzi jirreferu ghall-artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali kif ukoll ghal diversi artikoli nkluzi fl-Att Dwar il-Hwejjeg tal-Ikel, Medicinali u Ilma tax-Xorb ossia il-Kapitolu 231 tal-Ligijiet ta' Malta u regolamenti li saru skond l-istess Ligi.

Illi l-artikolu 226(1)(c) citat jirreferi ghal offizi fuq il-persuna kagunati minhabba nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti. Dwar dan l-artikolu ghandu jinghad li l-artikolu 214 tal-istess Kodici Kriminali jghid illi offiza fuq il-persuna jirreferi wkoll ghal min jikkaguna hsara ta' sahha ta' persuna ohra. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni ghandha, f'dan il-kaz, tipprova illi dak kollu li sehh f'dan il-kaz kien konsegwenza diretta ta' agir jew ommissjoni da parte tal-akkuzat ammontanti ghal "culpa".

Ikkunsidrat

Illi mill-evidenza migjuga quddiem din il-Qorti kif rizultanti mill-atti u mis-sintezi tal-provi principali kif hawn fuq esposti, jirrizulta li kien hemm diversi persuni li attendew ghall-ricevimenti fejn gie servut ikel prodott mill-akkuzat fl-istabbiliment tieghu.

Illi, dwar dan, jidher evidenti li l-istess persuni kollha kemm huma, inkluzi dawk specifikati fl-akkuzi soffrew ghal certu perjodu ta' zmien anke jekk qasir minn sintomi ta' avvelenament mill-istess ikel.

Illi, ta' min isemmi li l-istess Qorti ghamlet apprezzament tal-provi kif esposti minghajr ma kkunsidrat diversi xhieda medici u analisti bhala esperti. Difatti tali apprezzament sar a bazi ta' fatti biss. Dawn x-xhieda gew konsiderati biss bhala tali u bl-ebda mod ma gew valutati bhala esperti fis-sens moghti, legalment, ta' din il-kelma. Dwar dan il-punt l-artikolu 56 tal-Kapitolu 231 msemmi jispecifika li f'kazijiet bhal dawn, in-nomina ta' espert jew esperti hi fakoltattiva. Pero, f'kaz li ssir tali nomina l-ligi timponi l-obbligu fuq din il-Qorti li dawn jigu nominati minn fost l-analisti konnessi mad-Dipartiment tas-Sahha (artikolu 56(2) ibid) – stat ta' fatt certament infelici u li fil-fehma tal-Qorti jehtieg li jigi modifikat u emendat permezz ta' ligi "ad hoc".

Ikkunsidrat

Illi, dan premess mill-istess provi jidher ukoll li, fl-ikel nociv in kwistjoni, dan gie rez hekk minhabba n-nuqqas ta' igjene evidenti u grossolana li kien hemm fl-imsemmi stabbiliment, kontrollat u gestit mill-akkuzat.

Illi dan in-nuqqas fl-igjene f'post fejn jigi prodott ikel ghal konsum minn terzi, ghandu jigi kunsidrat bhala l-kawza immedjata u diretta ta' dak kollu li gara, kif hawn fuq espost. Illi tali nuqqas jammonta, ghalhekk ghal traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti "in materja" da parti tal-akkuzat liema stat ta' fatt gab, direttament, il-katina ta' kawzali rizultanti f'avvelenament involontarju tal-persuni nvoluti.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk, l-akkuzi kollha kif migjuba kontra l-akkuzat gew pruvati fil-konfront tieghu u dan ghandu jinstab hati tal-akkuzi kollha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-akkuzat hati talli fl-4 ta' Gunju 1996, u matul il-jiem ta' qabel, f' "Paparukei Catering Ltd." li jinstab sitwat gewwa 116, Stuart Street, il-Gzira, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq diversi persuni u cioe' Frank Camilleri mill-Msida, Rita Buttigieg mill-Gzira, Carmen Cocks minn tas-Sliema, Christopher Filletti mill-Gzira, Jospehine Vella miz-Zurrieq, Saviour Vella miz-Zurrieq  u Mark Vella miz-Zurrieq skond ma ccertifikaw Dr. Anthony Felice MD, Dr. G. Baldacchino MD, Dr. N. Camilleri MD, Dr. Mark Bugeja MD, u Dr. Victor Camilleri MD;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok, u cirkostanzi, zamm lokal li fih isir negozju ta' ikel f'kundizzjoni mhux sanitarja u f'kundizzjoni li l-ikel ikun jew jista  jigi espost ghar-riskju ta' kontaminazzjoni;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok, u cirkostanzi, ipprepara, ippakkja, zamm u hazen ghall-bejgh ghall-konsum mill-bniedem hwejjeg tal-ikel taht kundizzjonijiet mhux sanitarji;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok, u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu ghall-konsum mill-bniedem hwejjeg tal-ikel li kienu jew li kienu saru ta' hsara ghas-sahha u mhux tajbin ghall-konsum mill-bniedem;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, naqas li jzomm il-kamra tal-ikel hielsa mid-dbieben;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, naqas milli jzomm fuq jew hdejn il-fliskatur li huwa sitwat fil-post li kellu konvenjenza sanitarja, sapun jew detergent iehor xieraq, xkupilji tad-dwiefer, xugamani jew facilitatjiet ohra ghall-ixxuttar;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok, u cirkostanzi, naqas li jzomm fuq jew hdejn il-friskatur li huwa sitwat fil-kamra tal-ikel provvista xierqa ta' sapun jew detergent iehor xieraq, xkupilji tad-dwiefer u xugamani nodfa jew

facilitajiet ohra ghall-ixxuttar li ghandhom jintuzaw biss biex tigi zgurata l-indafa personali tal-persuni li jkunu jahdmu fil-manigg ta' l-ikel;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok, u cirkostanzi naqas li jipprovdi numru sufficjenti ta' recipjenti mghottija kif imiss ghall-iskart ta' fdal, zibel jew rimi;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok, u cirkostanzi naqas li jipprovdi u jzomm f'kull kamra tal-ikel mezzi xierqa u sufficjenti ta' ventilazzjoni, u naqas li jzomm l-istess kamra ventilata b'mod xieraq u sufficjenti;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok, u cirkostanzi naqas li jiehu dawk il-mizuri li huma mehtiega biex ihares l-ikel minn kull riskju ta' kontaminazzjoni;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok, u cirkostanzi, biegh, offra ghall-bejgh jew kellu fil-pussess tieghu oggetti tal-ikel (hmistax il-landa b'2.7 Kg peaches halves in syrup tal-marka "Royal Star"), li ma kellhomx dikjarat fuqhom it-tikketta tad-data tal-inqas durabilita.

Rat l-artikoli 214, 221, 225, 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 4, 6(1)(q), 10(1), 57, 58, 59 tal-Kapitolu 231 tal-Lijigiet ta' Malta kif ukoll l-Avviz Legal 73 tan-1969 [Regolamenti Numri 3, 11, 20, 10(3). 11(1)(c), 17(1), u 19] kif ukoll l-Avviz Legali 65/92 Numru 8(1).

In rigward <u>piena</u> gie stabbilit mill-provi stess tal-prosekuzzjoni, illi wara l-intervent tal-Awtoritajiet Sanitarji, l-akkuzat gab l-istabbiliment konformi mall-Ligi u ghalhekk ma hux rakkomandabbli li tigi ordnata s-sospensjoni tal-licenzja mahruga fuq isem l-akkuzat u lanqas li tordna l-esekuzzjoni tal-ligi taht penali.

Ghalhekk ikun opportun li l-akkuzat jigi kundannat ghall-piena pekunjarja tenut kont tal-artikoli 57(3), 70 tal-Kapitolu 231 citat kif ukoll l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali in rigward konkors ta' rejati u pieni .
Ghaldaqstant il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) bhala multa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------